**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 18 ta' Settembru, 2015**

**Il-Pulizija**
**Spettur Sandra Zammit**

**vs**

**Claudio Galea**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Claudio Galea detentur ta' karta ta' l-identita' numru 35197M akkuzat talli nhar fit-23 t' Awwissu, 2015, gewwa l-Gharghur ghall-habta ta' bejn it-15:00hrs u 15:30hrs:

a) Permezz ta' mus volontarjament ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Claudio Calleja, skond kif iccertifikat Dr. Daphne Gatt MD Reg. No 3689 gewwa l-isptar Mater Dei;

b) U aktar talli kien qed izomm fuqu strument li jniggez, jaqta u bil-ponta minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

c) U aktar talli hebb ghal Claudio Calleja sabiex jingurjah, idejqu u jaghmillu l-hsara;

d) U aktar talli gieghel lil Claudio Calleja jibza' illi ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tieghu;

e) U aktar talli kiser il-bon ordni b' ghajjat u glied.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-2 ta' Settembru, 2015 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 215, 216, 251B, 338(dd), 339(1)(d) u 17 tal-Kodici Kriminali kif ukoll L-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b' applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' erba' (4) snin millum kif ukoll multa ta' mija u sittax –il Ewro (€116).

B’ applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni ghal perjodu ta’ sentejn (2) millum fejn il-persuna protetta hija Claudio Calleja.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li l-atti kollha ta’ dan il-process flimkien ma’ kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**(ft) MAGISTRAT**

**-Vera Kopja ta’ l-Original-**

**Graziella Abela**
**Deputat Registratur**